MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 254/2003

**Tekno Electronics Limited**

**vs**

**John u Maria Dolores sive Doreen konjugi Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat it-13 ta' Mejju tas-sena 2003 li permezz tieghu s-socjeta' attrici ndikata fl-okkju ta' l-avviz promotur kif korrett permezz ta' digriet datat l-14 t'Ottubru ta-sena 2003, (ara fol 38), sejhet lill-konenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu ikkundannati:

1. Illi jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma kumplessiva ta' erbat elef, seba' mija erba' u tletin Lira

Maltin u sitta u hamsin centezmu, (LM4,734.56,0), rapprezentanti varji hlasijiet emanenti mill-kuntratt ta' lokazzjoni datat 4 ta' Mejju tas-sena 1999, (Dok. A), koncernanti l-fond qabel imsemmi "Discovery", tal-bini msemmi "Regional Building", "University Roundabout", Msida, hekk kif jirrizulta mill-prospett hawn anness bhala Dokument B;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru kawtelatorji pprezentati kontra l-konvenut u bl-imghax mil-lum, kontra l-konvenuti, li huma ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-2 ta' Gunju tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:

1. Preliminarjament, illi l-eccipjenti ma ghandhom ebda relazzjoni guridika mad-ditta attrici Tekno Electronics Limited;

2. Fil-meritu, illi l-konvenuti qed jammettu li huma debituri tas-socjeta' Tekno Electronics Limited fis-somma ta' LM3669.18,0 liema ammont thallas fil-mori tal-kawza;

3. Illi l-eccipjenti qed jikkontestaw il-bilanc ta' Lm1065.38,0 billi dawn:

a) huma uzura;
b) il-partiti relattivi ghall-"cleaning" mhux dovuti billi mhux dawk patwiti;
c) parti mill-partiti huma ripetuti ma' partiti reklamati f'kawza ohra pendenti;
d) partiti ohra jirrelataw ghall-perjodu wara t-terminazzjoni tal-kirja;
e) il-partita 'remote control – LM25' mhux dovuta billi r-'remote control' kien propjeta' tal-eccipjenti;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-verbal datat it-3 ta’ Gunju tas-sena 2003 li permezz tieghu il-konvenuti talbu korrezzjoni fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet billi flok il-kelma “uzura” jidhlu l-kliem “interessi b’rata oghla minn dik permessa mill-ligi”;

Rat id-digriet taghha ta’ l-istess data indikata fil-paragrafu precedenti li permezz tieghu awtorizzat il-korrezzjoni fuq indikata kif mitluba;

Rat ukoll il-verbal datat l-14 t’Ottubru tas-sena 2003 li permezz tieghu r-rapprezentant legali tas-socjeta’ attrici talab korrezzjoni fis-sens li kull fejn hemm il-kliem “Tekno Electronics” fl-atti ta’ din il-procedura ghandha tizdied il-kelma “Limited”;

Rat id-digriet taghha ta’ l-istess data indikata fil-paragrafu precedneti li permezz tieghu ddikjarat li laqghet l-istess talba;

Rat il-verbal tar-rapprezentant legali tal-konvenuti datat l-14 t’Ottubru tas-sena 2003 li permezz tieghu irtiraw l-ewwel eccezzjoni;

Rat in-nota tas-socjeta’ attrici wkoll datata l-14 t’Ottubru tas-sena 2003 li permezz taghha rriduciet it-talba ghal seba’ mija u sittin Lira Maltin u hmistax – il centezmu, (Lm760.15,0), rapprezentanti l-bilanc sa dak inhar attwali dovut mill-konvenuti in konnessjoni mal-meritu ta’ dawn il-proceduri wara li l-konvenuti wettqu l-pagament ta’ tlett elef, sitt mija u disgha u sittin Lira Maltin u tmintax – il centezmu, (LM3,669.18,0), fil-mori tal-kawza, oltre l-fatt li l-istess socjeta’ attrici irrinunzjat ghas-somma ta’ tlett mija u hames Liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu, (Lm305.23,0);

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-konvenuti kienu jikru l-fond indikat fl-avviz promotur minghand is-socjeta' attrici, u dan a bazi ta' skrittura datata l-4 ta' Mejju tas-sena 1999, (ara fol 2);

2. Illi nonostante li s-socjeta' attrici fl-ewwel lok ippermettiet li l-konvenuti kienu debituri lejha fl-ammont indikat fl-avviz, liema ammont kien gie ridott kif fuq riferit, tramite l-"accontant" taghha jirrizulta li dan l-ammont kien unilateralment ridott ulterjorment ghal sitt mija, tnejn u sebghin Lira Maltin, u hamsa u tmenin centezmu, (LM 672.85,0), kif jirrizulta anke mill-"invoice" in atti, (ara fol 45);

3. Illi ghaldaqstant il-kontestazzjoni da parte tas-socjeta' attrici giet ghalhekk espressament ridotta, ghas-segwenti:

i. tindif tal-partijiet komuni tal-blokk fejn kien sitwat il-fond meritu ta' din l-procedura;
ii. l-ahhar gurnata tal-kera;
iii. l-interessi dovuti;

4. Illi jirrizulta li l-blokk ta' appartamenti fejn kien sitwat il-fond meritu ta' din il-procedura kien ikun dejjem mizmum fi stat tajjeb ferm u nadif;

5. Illi rigward it-tindif tal-partijiet in komuni s-socjeta' attrici ssostni li nonostante l-artikolu 13 tal-iskrittura tal-4 ta' Mejju tas-sena 1999, (ara fol 4), l-konvenuti ghazlu li jhallsu nofs l-ammont dovut, (ara fol 72);

6. Illi rigward l-ahhar gurnata tal-kera jinghad li s-socjeta' attrici ssostni li l-konvenuti rritornaw ic-cavetta tal-fond de quo sittax –il jum wara d-data tan-notifika, senjatament fit-12 ta' Frar tas-sena 2003;

7. Illi finalment, rigward l-interessi dovuti l-istess socjeta’ attrici ssostni li dan hu bbazat fuq l-artikolu 4 tal-ftehim pattwit, (ara fol 3);

Ikkunsidrat:

Illi mid-deposizzjoni guramentata tal-konvenut stess jirrizulta li qed jammetti li wara li ghamel il-verifiki tieghu jammetti li s-socjeta’ attrici ghandha tiehu l-ammont ta’ sitt mija u tmienja u sebghin Lira Maltin u disa’ u sittin centezmu, (Lm678.69,0), minghandu u minghand il-mara tieghu, ghalkemm immedjatament wara jkompli li “Dan l-ammont qed jigi mitlub mis-socjeta’ attrici u mhux l-ammont li jiena u l-mara ghandna naghtu”, (ara fol 87);

Illi rigward it-tindif tal-partijiet komunik l-konvenuti jsostnu li dan effettivament ma sarx, (ara fol 87 u 88);

Illi rigward l-ahhar gurnata tal-kera l-konvenuti jsostnu li huma effettivament hargu u vvakaw il-fond de quo fil-gurnata pattwita u kien biss in-nuqqas tas-socjeta’ attrici li ma ppermettietx lill-konvenuti jghaddu c-cavetta ta’ l-istess fond peress li f’din l-istess gurnata l-ebda rapprezentant tas-socjeta’ attrici ma deher u lanqas kien hemm post fejn tithalla c-cavetta de quo;

Illi finalment, rigward l-interessi mitluba l-istess konvenuti jsostnu li s-socjeta’ atrici mhix cara fir-rigward tal-provenjenza ta’ l-istess;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-premess din il-qorti wara li hasbet fit-tul fir-rigward mhix sodisfatta li s-socjeta’ attrici ippruvat il-kaz taghha skond il-ligi, lanqas a bazi ta’ probabbilita’;

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet tal-konvenuti qed tirrespingi t-talbiet tas-socjeta’ attrici, bl-ispejjez.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------